SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

1 ta' Awwissu 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Servizzi ta' ħlas fis-suq intern – Direttiva 2007/64/KE – Artikolu 56(1)(b) – Obbligu għall-utent ta' servizzi ta' ħlas li jinforma lill-fornitur tas-servizzi ta' ħlas 'mingħajr dewmien' dwar it-telf, is-serq, il-miżappropriazzjoni jew kwalunkwe użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' ħlas tiegħu – Artikolu 58 – Senjalazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati – Korrezzjoni ta' tali tranżazzjoni mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas suġġetta għall-obbligu tal-utent ta' dawn is-servizzi li jissenjala din it-tranżazzjoni 'mingħajr dewmien […] u mhux aktar tard minn 13-il xahar wara d-data tad-debitu' – Artikoli 60 u 61 – Responsabbiltajiet rispettivi tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas u ta' min iħallas fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata – Suċċessjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati li jirriżultaw mit-telf, mis-serq, mill-miżappropriazzjoni jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' strument ta' ħlas – Senjalazzjoni tardiva mhux intenzjonata u mhux dovuta għal negliġenza gravi – Portata tad-dritt għar-rimbors"

Fil-Kawża C-665/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Novembru 2023, fil-proċedura

**IL**

vs

**Veracash SAS,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn I. Jarukaitis (Relatur), President tal-Awla, N. Jääskinen, A. Arabadjiev, M. Condinanzi u R. Frendo, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Veracash SAS, minn R. Froger, avocat,

– għall-Gvern Franċiż, minn R. Bénard u T. Lechevallier, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn J. Očková, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Auvret u G. Goddin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2025,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 56, 58, 60 u 61 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1, rettifika fil-ĠU 2009, L 187, p. 5).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn IL, persuna fiżika, u Veracash SAS dwar rifjut ta' rimbors ta' tranżazzjonijiet ta' ġbid ta' flus li twettqu mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' IL, minħabba s-senjalazzjoni allegatament tardiva ta' dawn it-tranżazzjonijiet.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 31 sa 35 tad-Direttiva 2007/64 kienu jiddikjaraw:

"(31) Sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-konsegwenzi ta' transazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati jew eżegwiti skorrettament l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu jinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas kemm jista' jkun malajr dwar kwalunkwe kontestazzjoni li tikkonċerna transazzjonijiet ta' ħlas allegatament mhux awtorizzati jew eżegwiti skorrettament dment li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ikun issodisfa l-obbligi ta' informazzjoni tiegħu taħt ta' din id-Direttiva. Jekk l-iskadenza ta' notifika tiġi rispettata mill-utent ta' servizzi ta' ħlas, huwa għandu jkun jista' jkompli dawk il-pretensjonijiet fil-perijodi ta' preskrizzjoni skond il-liġi nazzjonali. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa pretensjonijiet oħrajn bejn l-utenti ta' servizzi ta' ħlas u l-forniturі ta' servizzi ta' ħlas.

(32) Biex jiġi provdut inċentiv għall-utent ta' servizzi ta' ħlas li jinnotifika, mingħajr dewmien bla bżonn, lill-fornitur tiegħu dwar kwalunkwe serq jew telf ta' strument tal-ħlas u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' transazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati, l-utent għandu jkun responsabbli biss għal ammont limitat, ħlief jekk l-utent ta' servizzi ta' ħlas jkun aġixxa bi frodi jew bi traskuraġni kbira. Barra minn dan, ladarba l-utent ikun innotifika lill-fornitur

ta’ servizzi ta’ ħlas li l-istrument ta’ ħlas tiegħu seta’ kien kompromess, l-utent m’għandux ikun rikjest ikopri telf ulterjuri li jirriżulta minn użu mhux awtorizzat ta’ dak l-istrument. […]

(33) Sabiex tkun ivvalutata negliġenza possibbli mill-utent ta’ servizzi ta’ ħlas, għandhom ikunu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha. L-evidenza u l-livell ta’ negliġenza allegata għandhom ikunu evalwati skond il-liġi nazzjonali. It-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali marbutin mal-forniment u l-użu ta’ strument ta’ ħlas elettroniku, li l-effett tagħhom ikun li tiżdied ir-responsabbiltà tal-prova fuq il-konsumatur jew li jnaqqsu r-responsabbiltà tal-prova fuq min joħroġ l-istrument għandhom ikunu kkunsidrati nulli u bla effett.

(34) Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu regoli inqas stretti minn dawk imsemmija hawn fuq sabiex jinżammu l-livelli eżistenti ta’ protezzjoni tal-konsumatur u biex tkun promossa l-fiduċja fl-użu mingħajr periklu ta’ l-istrumenti elettroniċi tal-ħlas. […] L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jnaqqsu jew ineħħu kompletament ir-responsabbiltà ta’ min iħallas ħlief fejn min iħallas ikun aġixxa bi frodi.

(35) Għandu jkun hemm provvediment għall-allokazzjoni ta’ telf fil-każ ta’ transazzjonjiet ta’ ħlas mhux awtorizzati. Jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet differenti għal utenti ta’ servizzi ta’ ħlas li mhumiex konsumaturi, peress li tali utenti normalment huma f’pożizzjoni aħjar biex jivvalutaw ir-riskju ta’ frodi u jieħdu miżuri ta’ kontra-bilanċ.”

4 L-Artikolu 4 ta’ din id-direttiva kien jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

“Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

5. ‘transazzjoni ta’ ħlas’ tfisser att, mibdi minn min iħallas jew minn min jitħallas, ta’ tqegħid, ta’ trasferiment jew ta’ ġbid ta’ fondi, irrispettivament minn kwalunkwe obbligazzjoni sottostanti bejn min ħallas u min jitħallas;

[…]

7. ‘min iħallas’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika li għandha kont tal-ħlas u tippermetti ordni tal-ħlas minn dak il-kont tal-ħlas, jew, fejn ma jkun hemm l-ebda kont tal-ħlas, persuna fiżika jew ġuridika li tagħti ordni għal ħlas;

[…]

10. ‘utent ta’ servizzi ta’ ħlas’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel użu minn servizzi ta’ ħlas fil-kapaċità ta’ min iħallas jew ta’ min jitħallas, jew tat-tnejn;

[…]

16. ‘ordni tal-ħlas’ tfisser kwalunkwe istruzzjoni minn min iħallas jew minn min jitħallas lill-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas tiegħu, fejn jitlob l-eżekuzzjoni ta’ transazzjoni ta’ ħlas;

[…]

23. ‘strument tal-ħlas’ tfisser kwalunkwe apparat personalizzat u/jew sett ta’ proċeduri rigward liema jkun sar ftehim bejn l-utent ta’ servizzi tal-ħlas u l-fornitur ta’ servizzi tal-ħlas u użati mill-utent ta’ servizzi ta’ ħlas sabiex jagħti bidu għal ordni ta’ ħlas;

[…]”

5 It-Titolu IV tal-imsemmija direttiva, intitolat “Drittijiet u obbligi fir-rigward tal-forniment u l-użu ta’ servizzi ta’ ħlas”, kien jinkludi ħames kapitoli. Il-Kapitolu 1 ta’ dan it-Titolu IV, intitolat “Dispożizzjonijiet komuni”, kien jinkludi l-Artikolu 51, li kien jispeċifika l-kamp ta’ applikazzjoni tal-imsemmi Titolu IV. Dan l-Artikolu 51 kien jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Fejn l-utent ta’ sevizzi tal-ħlas ma jkunx konsumatur, il-partijiet jistgħu jiftiehmu li […] l-Artikoli 59, 61, 62, 63, 66 u 75 ma għandhomx japplikaw għal kollox jew parzjalment. Il-partijiet jistgħu jiftiehmu wkoll dwar perijodu ta’ żmien differenti minn dak stabbilit fl-Artikolu 58.”

6 Il-Kapitolu 2 tal-istess Titolu IV kien intitolat “Awtorizzazzjoni ta’ transazzjonjiet ta’ ħlas” u kien jinkludi l-Artikoli 54 sa 63 tal-istess direttiva. L-Artikolu 56 ta’ din tal-aħħar, intitolat “Obbligi ta’ l-utent ta’ sevizzi tal-ħlas fir-rigward ta’ strumenti tal-ħlas”, kien jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-utent ta’ sevizzi tal-ħlas intitolat li juża strument tal-ħlas għandu jirrispetta l-obbligi li ġejjin:

[…]

(b) li jgħarraf lill-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas, jew lill-entità speċifikata minn dan ta’ l-aħħar, mingħajr dewmien bla bżonn wara li jinduna bit-telf, serq jew miżapproprjazzjoni ta’ l-istrument tal-ħlas jew bl-użu mhux awtorizzat tiegħu.”

7 Skont l-Artikolu 57 tad-Direttiva 2007/64, intitolat “Obbligi tal-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas fir-rigward ta’ strumenti tal-ħlas”:

“1. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas li jkun qed joħroġ l-istrument tal-ħlas għandu jirrispetta l-obbligi li ġejjin:

[…]

(ċ) li jiżgura li l-ħin kollu jkun hemm mezzi xierqa biex l-utent ta’ sevizzi tal-ħlas ikun jista’ jagħmel notifika skond l-Artikolu 56(1) (b) […] u

(d) li jipprevjeni kull użu ta’ l-istrument tal-ħlas ladarba n-notifika skond l-Artikolu 56(1) (b) tkun saret.

2. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas għandu jġorr ir-riskju li jibgħat strument tal-ħlas lil min iħallas jew li jibgħat kwalunkwe karratteristiċi personalizzati ta’ sigurtà tiegħu.”

8 L-Artikolu 58 ta’ din id-direttiva, intitolat “Notifika ta’ transazzjonjiet ta’ ħlas eżegwita mingħajr awtorizzazzjoni jew imwettqa skorrettament”, kien jispeċifika:

“L-utent ta’ sevizzi tal-ħlas għandu jikseb rettifika mingħand il-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas biss jekk jinnotifika lill-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas mingħajr dewmien bla bżonn malli jsir konxju ta’ kwalunkwe transazzjoni ta’ ħlas mhux awtorizzata jew eżegwita skorrettament li tirriżulta fi pretensjoni, […] u mhux aktar tard minn 13-il xahar wara d-data tad-debitu, sakemm, fejn

applikabbli, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ikun naqas milli jipprovdi jew jagħamel disponibbli l-informazzjoni dwar dik it-transazzjoni ta' ħlas skond it-Titolu III[, dwar it-trasparenza tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti fil-qasam tal-informazzjoni għas-servizzi ta' ħlas]."

9 L-Artikolu 59 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Evidenza dwar l-awtentiċità u l-eżekuzzjoni tat-transazzjonjiet ta' ħlas", kien jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, fejn utent ta' sevizzi tal-ħlas jiċħad li jkun awtorizza transazzjoni ta' ħlas li tkun ġiet eżegwita jew jiddikjara li t-transazzjoni ta' ħlas tkun ġiet imwettqa skorrettament, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jagħti prova li t-transazzjoni ta' ħlas kienet ġiet awtentikata, dokumentata b'mod preċiż, imdaħħla fil-kontijiet u mhux affettwata minn xi ħsara teknika jew xi difett ieħor.

2. Fejn utent ta' servizzi ta' ħlas jiċħad li jkun awtorizza transazzjoni ta' ħlas li tkun ġiet eżegwita, l-użu ta' strument tal-ħlas irreġistrat mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas m'għandux fih innifsu ikun neċessarjament biżżejjed bħala prova li t-transazzjoni ta' ħlas kinet awtorizzata minn min iħallas jew li min iħallas ikunx aġixxa b'mod frodulenti jew naqas b'intenzjoni jew traskuraġni serja milli jissodisfa obbligu jew obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56."

10 L-Artikolu 60 tal-istess direttiva, intitolat "Responsabbiltà tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas f'każ ta' telf għal transazzjonjiet ta' ħlas mhux awtorizzati", kien jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 58, fil-każ ta' transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ta' min iħallas jagħti lura immedjatament lil min iħallas l-ammont tat-transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata u, fejn applikabbli, jerġa' jġib il-kont tal-ħlas iddebitat għall-istat li fih kien ikun li kieku ma seħħetx it-transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata."

11 L-Artikolu 61 tad-Direttiva 2007/64, intitolat "Responsabbiltà ta' min iħallas għal transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata", kien ifformulat kif ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 60, min iħallas għandu jġorr it-telf relatat ma' kwalunkwe transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, sa massimu ta' EUR 150, li jirriżulta mill-użu ta' strument tal-ħlas mitluf jew misruq jew, jekk min iħallas naqas milli jħares il-karatteristiċi personalizzati tas-sigurtà, mill-misapprorjazzjoni ta' strument tal-ħlas.

2. Min iħallas għandu jġorr it-telf kollu li jirrigwardaw transazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati jekk hu jkun ġarrabhom b'aġir frodulenti jew billi jkun naqas milli jissodisfa obbligu jew obbligi taħt l-Artikolu 56 b'intenzjoni jew bi traskuraġni serja. F'tali każijiet, l-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika.

3. F'każijiet fejn min iħallas ma jkun la aġixxa b'mod frodulenti u lanqas bi ħsieb u naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu r-responsabbiltà msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, b'kont meħud, b'mod partikolari tan-natura tal-karatteristiċi personalizzati ta' sigurtà ta' l-istrument tal-ħlas u ċ-ċirkostanzi li fihom intilef, insteraq jew ġie misapproprjat.

4. Min iħallas m'għandux iġorr konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw mill-użu ta' strument tal-ħlas mitluf, misruq jew miżapproprjat wara n-notifika skond l-Artikolu 56(1)(b), ħlief fejn ikun aġixxa b'mod frodulenti.

5. Jekk il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ma jipprovdix mezzi xierqa biex tkun tista ssir in-notifika f'kull ħin meta jintilef, jinsteraq jew jiġi miżapproprjat strument tal-ħlas, kif rikjest mill-Artikolu 57(1)(ċ), min iħallas m'għandux ikun responsabbli għall-konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw mill-użu ta' dak l-istrument tal-ħlas, ħlief meta jkun aġixxa b'mod frodulenti."

12 L-Artikolu 62 ta' din id-direttiva kien jinkludi regoli dwar il-"[ħ]las lura għal transazzjonjiet ta' ħlas mibdija minn min jitħallas jew permezz tiegħu", filwaqt li l-Artikolu 63 tagħha kien jirrigwarda t-[talbiet għal ħlas lura għal [tali] transazzjonjiet ta' ħlas […]".

13 Id-Direttiva 2007/64 tħassret u ġiet issostitwita, b'effett mit-13 ta' Jannar 2018, bid-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU 2015, L 337, p. 35, rettifika fil-ĠU 2018, L 102, p. 97), konformement mal-Artikolu 114 tad-Direttiva 2015/2366.

### *Id-dritt Franċiż*

14 Il-code monétaire et financier (il-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju), fil-formulazzjoni tiegħu li tirriżulta mill-ordonnance nº 2009-866, du 15 juillet 2009, relative aux conditions régissant la fourniture de services de paiement et portant création des établissements de paiement (id-Digriet Nru 2009-866 tal-15 ta' Lulju 2009 dwar il-Kundizzjonijiet li Jirregolaw il-Provvista ta' Servizzi ta' Ħlas u dwar il-Ħolqien ta' Istituzzjonijiet ta' Ħlas) (JORF tas-16 ta' Lulju 2009, test Nru 13, u rettifika fil-JORF tal-25 ta' Lulju 2009, test Nru 18) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Monetarju u Finanzjarju"), jipprovdi, fl-Artikolu L. 133-17 tiegħu:

"I – Malli jsir jaf bit-telf, bis-serq, bil-miżapproprjazzjoni jew bi kwalunkwe użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' ħlas tiegħu jew tad-data assoċjata ma' dan l-istrument, l-utent ta' servizz ta' ħlas għandu jinforma b'dan mingħajr dewmien, għall-finijiet tal-imblokkar tal-istrument, lill-fornitur tiegħu jew lill-entità indikata minn dan il-fornitur.

[…]"

15 L-Artikolu L. 133-18 ta' dan il-kodiċi jipprevedi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata ssenjalata mill-utent fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu L. 133-24, il-fornitur tas-servizzi ta' ħlas ta' min iħallas għandu jirrimborsa immedjatament lil min iħallas l-ammont tat-tranżazzjoni mhux awtorizzata u, jekk ikun il-każ, għandu jerġa' jistabbilixxi l-kont addebitat fl-istat li fih kien ikun li kieku t-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata ma seħħitx."

16 L-Artikolu L. 133-19 tal-imsemmi kodiċi jipprovdi:

"I. – Fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata li tirriżulta mit-telf jew mis-serq tal-istrument ta' ħlas, min iħallas għandu jġarrab, qabel l-informazzjoni prevista fl-Artikolu L. 133-17, it-telf marbut mal-użu ta' dan l-istrument, sa limitu massimu ta' [EUR] 150.

Madankollu, min iħallas ma għandux jinżamm responsabbli fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata mwettqa mingħajr l-użu tal-apparat ta' sigurtà ppersonalizzat.

II. – Min iħallas ma għandux jinżamm responsabbli jekk it-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata tkun twettqet b'miżapproprjazzjoni, mingħajr l-għarfien ta' min iħallas, tal-istrument ta' ħlas jew tad-data assoċjata miegħu.

Min iħallas lanqas ma għandu jinżamm responsabbli fil-każ ta' kontrafazzjoni tal-istrument ta' ħlas jekk, fil-mument tat-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, min iħallas kellu fil-pussess tiegħu l-istrument tiegħu.

III. – Ħlief jekk ikun aġixxa b'mod frawdolenti, min iħallas ma għandu jbati ebda konsegwenza finanzjarja jekk il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ma jipprovdix mezzi xierqa li jippermettu li jiġi informat sabiex ikun jista' jiġi mblokkat l-istrument ta' ħlas, kif previst fl-Artikolu L. 133-17.

IV. – Min iħallas għandu jbati t-telf kollu relatat ma' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati jekk dan it-telf jirriżulta minn aġir frawdolenti min-naħa tiegħu jew jekk ma jkunx issodisfa, intenzjonalment jew b'negliġenza gravi, l-obbligi msemmija fl-Artikoli […] u L. 133-17."

17 Skont l-Artikolu L. 133-24 tal-istess kodiċi:

"L-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu jissenjala, mingħajr dewmien, lill-fornitur tas-servizzi ta' ħlas tiegħu tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata jew imwettqa ħażin u sa mhux iktar tard minn tlettax-il xahar wara d-data tad-debitu taħt piena ta' dekadenza sakemm il-fornitur tas-servizzi ta' ħlas ma jkunx ipprovdielu jew ma jkunx qiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu l-informazzjoni dwar din it-tranżazzjoni ta' ħlas […]

Ħlief fil-każijiet fejn l-utent ikun persuna fiżika li taġixxi għal bżonnijiet mhux professjonali, il-partijiet jistgħu jiddeċiedu li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 IL għandu kont ta' depożitu tad-deheb ma' Veracash. Fl-24 ta' Marzu 2017, din tal-aħħar bagħtet fl-indirizz ta' IL kard ġdida ta' ġbid u ta' ħlas. Bejn it-30 ta' Marzu 2017 u s-17 ta' Mejju 2017, saru tranżazzjonijiet ta' ġbid kuljum minn fuq dan il-kont (iktar 'il quddiem it-"tranżazzjonijiet ta' ġbid inkwistjoni fil-kawża prinċipali").

19 Filwaqt li sostna li huwa la kien irċieva din il-kard ta' ħlas u lanqas ma kien awtorizza dawn it-tranżazzjonijiet ta' ġbid, IL adixxa lit-tribunal de grande instance d'Évry (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Évry, Franza), li saret, mill-1 ta' Jannar 2020, it-tribunal judiciaire d'Évry, u talab li Veracash tiġi kkundannata għar-rimbors tas-somom li jikkorrispondu għall-imsemmija tranżazzjonijiet ta' ġbid kif ukoll għall-ħlas ta' danni.

20 Peress li r-rikors tiegħu ġie parzjalment miċħud fl-ewwel istanza, IL appella quddiem il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza), li ċaħditu permezz ta' sentenza tat-3 ta' Jannar 2022. Dik il-qorti, bħall-qorti tal-ewwel istanza, qieset li IL ma setax jinvoka d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu L. 133-18 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju sa fejn huwa ma kienx issenjala t-tranżazzjonijiet ta' ġbid inkwistjoni fil-kawża prinċipali lil Veracash "mingħajr dewmien" u "immedjatament", iżda fit-23 ta' Mejju 2017, jiġifieri kważi xahrejn wara l-ewwel tranżazzjoni ta' ġbid ikkontestata.

21 IL għalhekk ippreżenta appell ta' kassazzjoni quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), li hija l-qorti tar-rinviju. Insostenn tal-appell tiegħu, IL jinvoka żewġ aggravji, li wieħed minnhom huwa, fl-ewwel parti tiegħu, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu L. 133-24 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju. Permezz ta' din il-parti, IL isostni li l-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) kisret dan l-Artikolu L. 133-24 meta qieset, essenzjalment, li s-senjalazzjoni tiegħu lil Veracash tat-tranżazzjonijiet ta' ġbid inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet saret tard minħabba li saret kważi xahrejn wara l-ewwel tranżazzjoni ta' ġbid ikkontestata, filwaqt li, fil-fehma tiegħu, skont l-imsemmi Artikolu L. 133-24, l-utent ta' kard bankarja għandu, sabiex jagħmel tali senjalazzjoni, terminu ta' tlettax-il xahar mid-data tad-debitu kkontestat.

22 Veracash issostni, mill-banda l-oħra, li dan l-istess Artikolu L. 133-24 jistabbilixxi terminu doppju u li t-terminu ta' tlettax-il xahar huwa terminu massimu. Barra minn hekk, l-istruttura ta' din id-dispożizzjoni teżiġi li l-utent, hekk kif jinduna b'anomalija, għandu jissenjalaha immedjatament lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu.

23 Il-qorti tar-rinviju tindika li l-eżitu tat-tilwima li għandha quddiemha jiddependi mill-kwistjoni dwar jekk il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jistax jirrifjuta li jirrimborsa l-ammont ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata meta min iħallas, minkejja li jkun issenjala din it-tranżazzjoni qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tlettax-il xahar mid-data tad-debitu, ikun dam sabiex jagħmel dan, mingħajr ma dan id-dewmien kien intenzjonali jew kien dovut għal negliġenza gravi min-naħa tiegħu.

24 Filwaqt li tirrileva li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju għandhom jiġu interpretati konformement mad-Direttiva 2007/64, applikabbli *ratione temporis* għat-tilwima li għandha quddiemha, fid-dawl tad-data tal-fatti li wasslu għaliha, hija tal-fehma li qari letterali tal-Artikolu 58 ta' din id-direttiva, li hija tqis huwa sostnut mill-premessa 31 tagħha, jista', ċertament, iwassal sabiex jitqies li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu d-dritt li jirrifjuta r-rimbors tal-ammont ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata għas-sempliċi raġuni li l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikun issenjalahielu tard, anki jekk din tkun ġiet issenjalata lilu f'dan it-terminu ta' tlettax-il xahar. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tqis li jidher li huwa diffiċli li din l-interpretazzjoni tiġi kkonċiljata mal-Artikolu 61(2) tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, jekk, fi kwalunkwe każ, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ta' min iħallas ma jkunx obbligat jirrimborsa lil min iħallas l-ammont ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata li dan tal-aħħar ikun issenjalalu tard, isir irrilevanti jekk dan id-dewmien kienx intenzjonat jew kienx jirriżulta minn negliġenza gravi, minkejja li din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 56 tal-istess direttiva, tipprevedi li dan l-obbligu ta' rimbors għandu jkun eskluż f'dawn iċ-ċirkustanzi biss.

25 Il-qorti tar-rinviju tosserva, barra minn hekk, li, minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, CRCAM (C-337/20, EU:C:2021:671), interpretat l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64, hija ma tatx deċiżjoni dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' osservanza minn min iħallas tal-obbligu li jinforma mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu dwar il-fatt li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata.

26 F'dan ir-rigward, ċertament, jeżisti interess li min iħallas jiġi mħeġġeġ juża diliġenza sabiex jinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu. Madankollu, l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64 jindika, skont il-qorti tar-rinviju, li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ma kellux l-intenzjoni li jissanzjona kull dewmien, irrispettivament miċ-ċirkustanzi, permezz taċ-ċaħda totali tad-dritt ta' min iħallas għal rimbors. Hija għalhekk inklinata li tinterpreta din id-direttiva fis-sens li, minbarra l-ipoteżi ta' aġir frawdolenti ta' min iħallas u minbarra l-ipoteżi ta' senjalazzjoni li ssir wara l-iskadenza tat-terminu ta' tlettax-il xahar, min iħallas għandu jiġi

mċaħħad biss mid-dritt għar-rimbors fir-rigward tat-telf ikkawżat minn tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati li seta' jiġi evitat permezz ta' senjalazzjoni mingħajr dewmien, u dan bil-kundizzjoni li d-dewmien tas-senjalazzjoni ikun intenzjonali jew ikun ir-riżultat ta' negliġenza gravi min-naħa tiegħu.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikoli 56, 58, 60 u 61 tad-[Direttiva 2007/64] għandhom jiġu interpretati [fis]-sens li min iħallas huwa mċaħħad mid-dritt għar-rimbors tal-ammont ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata meta jkun dam biex jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu dwar it-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, minkejja li jkun għamel dan fit-tlettax-il xahar wara d-data ta' debitu?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, iċ-ċaħda tad-dritt ta' min iħallas għar-rimbors hija suġġetta għall-fatt li d-dewmien fin-notifikazzjoni huwa intenzjonali jew huwa r-riżultat ta' negliġenza serja min-naħa ta' min iħallas?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, min iħallas jiġi mċaħħad mid-dritt għar-rimbors tat-tranżazzjonijiet kollha mhux awtorizzati jew biss mid-dritt għar-rimbors ta' dawk li setgħu ġew evitati li kieku ma kienx hemm dewmien fin-notifikazzjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Osservazzjonijiet preliminari*

28 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li t-tranżazzjonijiet ta' ġbid inkwistjoni fil-kawża prinċipali twettqu permezz ta' kard li r-rikorrent fil-kawża prinċipali jallega li ma waslitlux.

29 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar, minn naħa, li, konformement mad-definizzjoni li tinsab fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64, il-ġbid ta' fondi jikkostitwixxi "tranżazzjoni ta' ħlas", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, skont il-punt 23 ta' dan l-Artikolu 4, il-kunċett ta' "strument ta' ħlas" ikopri kull apparat personalizzat u/jew sett ta' proċeduri miftiehma bejn l-utent ta' servizzi ta' ħlas u l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas u użat mill-utent ta' servizzi ta' ħlas sabiex jagħti bidu għal "ordni ta' ħlas", fejn dan l-aħħar kunċett ikopri, skont il-punt 16 tal-imsemmi Artikolu 4, kull istruzzjoni minn min iħallas jew minn min jitħallas lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li titlob l-eżekuzzjoni ta' "tranżazzjoni ta' ħlas".

30 It-tilwima fil-kawża prinċipali għalhekk tikkonċerna serje ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas allegatament mhux awtorizzati li jirriżultaw mill-użu ta' strument ta' ħlas. Madankollu, fl-assenza ta' indikazzjoni f'dan ir-rigward fid-deċiżjoni tar-rinviju, ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk dan l-istrument ta' ħlas għandux jitqies bħala li kien is-suġġett ta' telf, ta' serq, ta' miżappropriazzjoni jew ta' użu b'mod mhux awtorizzat, b'tali mod li, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandhom jiġu kkunsidrati dawn il-possibbiltajiet kollha.

31 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva 2007/64 jipprevedi li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jġarrab ir-riskju marbut mal-kunsinna lil min iħalllas ta' strument ta' ħlas jew ta' kull apparat ta' sigurtà ppersonalizzat tiegħu. Fid-dawl tal-fatti li wasslu għat-tilwima fil-kawża prinċipali, hija għalhekk il-qorti tar-rinviju li ser ikollha tivverifika, qabel kollox, li ebda riskju ta'

din in-natura ma mmaterjalizza meta l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas inkwistjoni bagħat l-istrument ta' ħlas li ntuża għat-tranżazzjonijiet ta' ġbid inkwistjoni fil-kawża prinċipali, riskju li l-konsegwenzi tiegħu kellu jbatihom dan il-fornitur.

### *Fuq l-ewwel domanda*

32 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tikseb preċiżazzjonijiet dwar il-portata tal-obbligu ta' senjalazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati li għandu l-utent ta' servizzi ta' ħlas. Issa, dan l-obbligu ta' senjalazzjoni huwa speċifikament previst fl-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64.

33 Għaldaqstant, għandu jinftiehem li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-utent ta' servizzi ta' ħlas huwa mċaħħad mid-dritt li jikseb il-korrezzjoni ta' tranżazzjoni jekk ma jkunx issenjala mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, anki jekk ikun issenjalahielu fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu.

34 Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss it-termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tifforma parti din id-dispożizzjoni (ara s-sentenzi tas-17 ta' Novembru 1983, Merck, 292/82, EU:C:1983:335, punt 12, u tas-6 ta' Marzu 2025, Cymdek, C-20/24, EU:C:2025:139, punt 38).

35 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni tad-dispożizzjoni li ntalbet l-interpretazzjoni tagħha, għandu jitfakkar li l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 jipprevedi li l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu jikseb korrezzjoni ta' tranżazzjoni fil-każ biss li huwa jissenjala mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata jew eżegwita b'mod mhux korrett u li tagħti lok għal pretensjoni, u dan mhux iktar tard minn tlettax-il xahar mid-data tad-debitu, sakemm, jekk ikun il-każ, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ikun naqas milli jipprovdi jew iqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni dwar din it-tranżazzjoni ta' ħlas konformement mat-Titolu III ta' din id-direttiva. Dan it-Titolu III jikkonċerna t-trasparenza tal-kundizzjonijiet u tar-rekwiżiti fil-qasam tal-informazzjoni marbuta mas-servizzi ta' ħlas.

36 Huwa għalhekk abbażi tal-premessa li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas issodisfa l-obbligi ta' informazzjoni li huwa għandu taħt it-Titolu III tal-imsemmija direttiva li għandha titkompla l-interpretazzjoni tal-Artikolu 58 tal-istess direttiva.

37 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tipprevedi l-obbligu, għall-utent ta' servizzi ta' ħlas, li jissenjala "mingħajr dewmien" lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata, b'mod partikolari, tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, "u mhux iktar tard minn" tlettax-il xahar mid-data tad-debitu. Għaldaqstant, jidher li, skont l-imsemmija formulazzjoni, id-dritt tal-utent ta' servizzi ta' ħlas li jikseb il-korrezzjoni ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata huwa suġġett għall-osservanza minn qabel ta' kundizzjoni temporali doppja.

38 Huwa minnu li mhux il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 jużaw il-konġunzjoni "u". Madankollu, dawn il-verżjonijiet lingwistiċi kollha jindikaw li l-obbligu tal-utent ta' servizzi ta' ħlas li jissenjala "mingħajr dewmien" lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata jibda jiddekorri mill-mument li

fih dan l-utent isir jaf b'din it-tranżazzjoni. Mill-banda l-oħra, it-terminu ta' tlettax-il xahar jibda jiddekorri mid-data tad-debitu. Dan jindika li dawn huma żewġ kundizzjonijiet temporali differenti.

39 Barra minn hekk, kif irrilevat ukoll, essenzjalment, l-Avukata Ġenerali fil-punti 44, 47 u 48 tal-konklużjonijiet tagħha, l-obbligu ta' senjalazzjoni "mingħajr dewmien" huwa ta' natura suġġettiva, sa fejn jimplika li l-utent ta' servizzi ta' ħlas jaġixxi malajr kemm jista' jkun, fid-dawl taċ-ċirkustanzi li jkun jinsab fihom, mill-mument li fih isir jaf bit-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata. Għalhekk, dan l-obbligu huwa differenti mill-obbligu ta' senjalazzjoni "fit-tlettax-il xahar", li huwa ta' natura oġġettiva, peress li jibda jiddekorri mid-data tad-debitu tat-tranżazzjoni li tagħti lok għal pretensjoni.

40 Il-formulazzjoni tal-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 tindika għalhekk li, bħala prinċipju, sabiex jikseb il-korrezzjoni ta' tranżazzjoni, l-utent ta' servizzi ta' ħlas huwa obbligat kemm li jissenjala mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata kif ukoll li jagħmel din is-senjalazzjoni sa mhux iktar tard minn tlettax-il xahar mid-data tad-debitu.

41 Din l-interpretazzjoni letterali hija, fit-tieni lok, ikkorroborata mill-kuntest ta' dan l-Artikolu 58. F'dan ir-rigward, minn naħa, il-premessa 31 tad-Direttiva 2007/64 tirreferi għall-ħtieġa li l-utent ta' servizzi ta' ħlas jissenjala lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, "kemm jista' jkun malajr", kull kontestazzjoni li tikkonċerna tranżazzjonijiet ta' ħlas allegatament mhux awtorizzati. Ir-riferiment għal dan l-obbligu ta' senjalazzjoni "kemm jista' jkun malajr", sa fejn huwa differenti minn obbligu ta' senjalazzjoni f'terminu fiss, li barra minn hekk ma huwiex imsemmi fil-premessi tad-Direttiva 2007/64, jikkonferma li l-obbligu ta' senjalazzjoni "mingħajr dewmien", previst fl-imsemmi Artikolu 58, huwa ta' natura awtonoma. Għalhekk, dan l-obbligu huwa differenti mill-obbligu ta' senjalazzjoni fit-terminu ta' tlettax-il xahar mid-data tad-debitu.

42 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 56(1)(b) tad-Direttiva 2007/64, l-utent ta' servizzi ta' ħlas awtorizzat juża strument ta' ħlas għandu l-obbligu, meta jsir jaf bit-telf, bis-serq, bil-miżapproprjazzjoni jew bi kwalunkwe użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' ħlas tiegħu, li jinforma b'dan mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu jew lill-entità indikata minn dan il-fornitur.

43 Huwa minnu li t-terminu li fih dan l-obbligu ta' informazzjoni għandu jiġi ssodisfatt huwa differenti mill-obbligu ta' senjalazzjoni "mingħajr dewmien" ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata previst fl-Artikolu 58 ta' din id-direttiva. Fil-fatt, dan it-terminu jibda jiddekorri minn meta jsir jaf mhux biss b'kull użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' ħlas, iżda, jekk ikun il-każ, minn meta jsir jaf bit-telf, bis-serq jew bil-miżapproprjazzjoni ta' dan l-istrument. Issa, wieħed jista' jsir jaf b'dawn l-avvenimenti anki qabel ma l-imsemmi strument jintuża sabiex titwettaq tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata. Barra minn hekk, dawn iż-żewġ obbligi jiddistingwu ruħhom minn xulxin anki minħabba l-fatt li huwa possibbli li ma jkunx il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, iżda entità indikata minnu li jkollha tiġi informata bit-telf, bis-serq, bil-miżapproprjazzjoni jew bl-użu mhux awtorizzat tal-istrument inkwistjoni.

44 Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li, kif juru ċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, huwa possibbli li l-obbligu ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 56(1)(b) tal-imsemmija direttiva u l-obbligu ta' senjalazzjoni previst fl-Artikolu 58 tagħha jitnisslu fl-istess ħin. Issa, f'tali ċirkustanza, ikun inkoerenti li jiġi kkunsidrat li s-sempliċi osservanza tat-terminu ta' tlettax-il xahar mid-data

tad-debitu hija biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li t-tranżazzjoni ta' ħlas inkwistjoni ġiet issenjalata konformement mar-rekwiżiti tal-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64, filwaqt li l-Artikolu 56(1)(b) tagħha jimponi bħala prinċipju senjalazzjoni iktar rapida.

45 L-imsemmija interpretazzjoni letterali hija, fit-tielet lok, sostnuta mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2007/64.

46 F'dan ir-rigward, minn naħa, skont il-premessa 31 ta' din id-direttiva, li tiċċara l-portata tal-Artikolu 58 tagħha, l-obbligu tal-utent ta' servizzi ta' ħlas li jissenjala lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas "kemm jista' jkun malajr" kwalunkwe kontestazzjoni relatata ma' tranżazzjonijiet ta' ħlas allegatament mhux awtorizzati huwa intiż li jnaqqas ir-riskji u l-konsegwenzi tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati.

47 Għalhekk, minn din il-premessa 31 jirriżulta li l-obbligu ta' senjalazzjoni "mingħajr dewmien" previst f'dan l-Artikolu 58 għandu għan preventiv. Issa, dan l-għan preventiv jiġi ppreġudikat jekk is-sempliċi osservanza tat-terminu ta' tlettax-il xahar mid-data tad-debitu titqies li hija suffiċjenti fi kwalunkwe każ sabiex jitqies li l-utent ta' servizzi ta' ħlas issodisfa l-obbligu ta' senjalazzjoni impost fuqu skont l-imsemmi Artikolu 58.

48 Min-naħa l-oħra, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-terminu ta' tlettax-il xahar huwa terminu massimu, li fl-iskadenza tiegħu l-utent ta' servizzi ta' ħlas ma jkollux iktar il-possibbiltà li jinvoka r-responsabbiltà tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għat-tranżazzjoni kkonċernata, u dan lanqas abbażi ta' sistema ta' responsabbiltà differenti minn dik prevista fl-Artikolu 58 u fl-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2007/64. Dan it-terminu huwa intiż għalhekk li jiggarantixxi ċ-ċertezza legali kemm tal-utenti ta' servizzi ta' ħlas kif ukoll tal-forniturі ta' tali servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, CRCAM, C-337/20, EU:C:2021:671, punti 48 sa 52).

49 Issa, il-fatt li dan l-għan huwa differenti minn dak imfittex mill-obbligu ta' senjalazzjoni "mingħajr dewmien" jikkonferma li l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 jinkludi żewġ kundizzjonijiet temporali, li bħala prinċipju huma distinti. Barra minn hekk, jekk jitqies li l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu d-dritt li jikseb il-korrezzjoni ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata li kien jaf biha, iżda li dam sabiex jissenjala lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu, dan jippreġudika ċ-ċertezza legali kif ukoll l-ibbilanċjar tal-interessi rispettivi tal-utent ta' servizzi ta' ħlas u tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu mwettaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni meta adotta d-Direttiva 2007/64.

50 Fil-fatt, skont l-Artikolu 60(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bla ħsara għal dan l-Artikolu 58, fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ta' min iħallas jirrimborsa immedjatament lil min iħallas l-ammont ta' din it-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata u, jekk ikun il-każ, jerġa' jġib il-kont tal-ħlas iddebitat fl-istat li fih kien ikun li kieku ma seħħitx it-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata. Li kieku kien permess li l-pretensjoni magħmula mill-utent ta' servizzi ta' ħlas skont l-imsemmi Artikolu 58 tiddewwem sa tlettax-il xahar mid-data tad-debitu tat-tranżazzjoni, u dan minkejja li dan l-utent ikun ikkonstata t-tranżazzjoni inkwistjoni ferm qabel, il-perijodu ta' inċertezza legali jiġi estiż mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva, għad-detriment tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ikkonċernat, u b'hekk jippreġudika din iċ-ċertezza legali u dan l-ibbilanċjar.

51 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-obbligu ta' senjalazzjoni previst fl-Artikolu 58 ta' din id-direttiva huwa meqjus li ġie ssodisfatt biss taħt il-kundizzjoni doppja li, minn naħa, l-utent ta' servizzi ta' ħlas jissenjala mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata u, min-naħa l-oħra, din is-senjalazzjoni ssir mhux iktar tard minn tlettax-il xahar mid-data tad-debitu.

52 B'dan premess, għandu jitfakkar ukoll li, fl-istruttura tas-sistema ta' responsabbiltà stabbilita fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tad-Direttiva 2007/64, l-obbligu ta' senjalazzjoni mill-utent ta' servizzi ta' ħlas ta' kull tranżazzjoni mhux awtorizzata huwa l-kundizzjoni sabiex l-imsemmija sistema tkun tista' tapplika għall-benefiċċju ta' dan l-utent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, CRCAM, C-337/20, EU:C:2021:671, punti 38 sa 39).

53 Għalhekk, kif tindika l-premessa 31 ta' din id-direttiva billi tagħmel riferiment għas-senjalazzjoni, b'mod partikolari, ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas "allegatament" mhux awtorizzati, dan l-obbligu ta' senjalazzjoni huwa prerekwiżit intiż sabiex il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jiġi informat bil-fatt li l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikkonstata tranżazzjoni li huwa jqis li hija tranżazzjoni mhux awtorizzata, filwaqt li l-kisba effettiva tal-korrezzjoni mitluba hija rregolata minn dispożizzjonijiet oħra tal-imsemmija direttiva.

54 B'mod partikolari, il-kisba effettiva ta' din il-korrezzjoni hija, minn naħa, suġġetta għall-kundizzjoni li din l-assenza ta' awtorizzazzjoni tiġi kkonfermata, peress li l-Artikolu 59 tad-Direttiva 2007/64 jinkludi, f'dan ir-rigward, ċerti preċiżazzjonijiet dwar il-prova ta' awtentikazzjoni u ta' eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, din il-kisba hija suġġetta għar-regoli dwar it-tqassim tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas u ta' min iħallas fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati, stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 60 u 61 ta' din id-direttiva, li huma intiżi, kif tindika l-premessa 35 tal-imsemmija direttiva, li jirregolaw it-tqassim tat-telf fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat ukoll li, kif jirriżulta mill-punti 7 u 10 tal-Artikolu 4 tagħha, il-kunċett ta' "min iħallas" huwa inklużf'dak ta' "utent ta' servizzi ta' ħlas" u jkopri, b'mod partikolari, persuna fiżika li tawtorizza ordni ta' ħlas jew li tagħti ordni ta' ħlas. Barra minn hekk, l-Artikoli 62 u 63 tal-istess direttiva jittrattaw rispettivament ir-rimbors ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mibdija minn jew permezz tal-benefiċjarju u t-talbiet għal tali rimbors.

55 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 51(1) tad-Direttiva 2007/64, meta l-utent ta' servizzi ta' ħlas ma jkunx konsumatur, il-partijiet jistgħu, minn naħa, jiddeċiedu li, b'mod partikolari, l-Artikoli 59, 61, 62 u 63 tagħha ma japplikawx, kompletament jew parzjalment, u, min-naħa l-oħra, jaqblu dwar terminu differenti minn dak previst fl-Artikolu 58 ta' din id-direttiva.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu, bħala prinċipju, jiġi mċaħħad mid-dritt li jikseb il-korrezzjoni ta' tranżazzjoni jekk ma jkunx issenjala mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, anki jekk ikun issenjalahielu fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu.

### *Fuq it-tieni domanda*

57 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tgħinha tiddeċiedi

t-tilwima li jkollha quddiemha. F'dan il-kuntest, jekk ikun il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu sarulha. Fil-fatt, il-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-qrati nazzjonali jkollhom bżonn sabiex jiddeċiedu t-tilwimiet li jkollhom quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux espressament indikati fid-domandi li jkunu sarulha minn dawn il-qrati (ara s-sentenzi tat-18 ta' Marzu 1993, Viessmann, C-280/91, EU:C:1993:103, punt 17; tat-28 ta' Novembru 2000, Roquette Frères, C-88/99, EU:C:2000:652, punt 18; u tat-8 ta' Mejju 2025, HUK-COBURG Haftpflicht-Unterstützungs-Kasse, C-697/23, EU:C:2025:338, punt 22).

58 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tikseb preċiżazzjonijiet dwar eventwali ċirkustanzi li jippermettu li jitqies li dewmien fis-senjalazzjoni ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata huwa effettivament ta' natura li jċaħħad lil min iħallas mid-dritt tiegħu għar-rimbors ta' din it-tranżazzjoni, meta din tal-aħħar tirriżulta mit-telf, mis-serq, mill-miżapproprjazzjoni jew minn użu mhux awtorizzat ta' strument ta' ħlas.

59 Issa, f'dan ir-rigward ma humiex rilevanti biss id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64, dwar b'mod partikolari s-senjalazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati, iżda wkoll dawk tal-Artikolu 60(1) u tal-Artikolu 61(2) ta' din id-direttiva, dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas u ta' min iħallas fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, kif ukoll dawk tal-Artikolu 56 tal-imsemmija direttiva, li għalih jirreferi dan l-Artikolu 61(2), u b'mod iktar partikolari d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu 56, li jirrigwardaw preċiżament iċ-ċirkustanzi fattwali indikati fl-aħħar tal-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

60 F'dawn il-kundizzjonijiet, u fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, għandu jinftiehem li, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 58, l-Artikolu 60(1) u l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) tagħha, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta tkun inkwistjoni tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata li tirriżulta mill-użu ta' strument ta' ħlas misruq, mitluf jew miżapproprjat jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat, u meta din it-tranżazzjoni ġiet issenjalata minn min iħallas lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu, min iħallas għandu jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jikseb il-korrezzjoni effettiva tal-imsemmija tranżazzjoni biss jekk ikun dam sabiex jissenjalaha lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza gravi.

61 F'dan ir-rigward, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jitfakkar li mir-riferiment magħmul mill-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2007/64 għall-Artikolu 58 tagħha kif ukoll mill-premessa 31 ta' din id-direttiva jirriżulta li l-applikazzjoni tas-sistema ta' responsabbiltà minħabba tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati stabbilita fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-imsemmija direttiva hija suġġetta għas-senjalazzjoni, mill-utent ta' servizzi ta' ħlas, ta' kull tranżazzjoni mhux awtorizzata lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas b'osservanza ta' dan l-Artikolu 58 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, CRCAM, C-337/20, EU:C:2021:671, punti 34, 35, 38 u 39) li, kif jirriżulta mir-risposta għall-ewwel domanda, jinkludi kundizzjoni temporali doppja.

62 Fil-kuntest ta' din is-sistema ta' responsabbiltà minħabba tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati, l-Artikolu 59 tad-Direttiva 2007/64 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' oneru tal-prova favorevoli għall-utent ta' servizzi ta' ħlas. Sostanzjalment, l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, li għandu jipprova li t-tranżazzjoni tkun ġiet awtentikata, debitament

irreġistrata u rreġistrata fil-kontabbiltà. Fil-prattika, ir-regoli dwar l-oneru tal-prova stabbiliti f'dan l-Artikolu 59 iwasslu, kemm-il darba s-senjalazzjoni prevista fl-Artikolu 58 ta' din id-direttiva tkun saret fit-terminu hemmhekk previst, sabiex il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jiġi suġġett għal obbligu ta' rimbors immedjat, skont l-Artikolu 60(1) tal-istess direttiva (sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, CRCAM, C-337/20, EU:C:2021:671, punt 40).

63 Madankollu, dan l-obbligu ta' rimbors immedjat tal-ammont tat-tranżazzjoni kkonċernata huwa suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, imsemmija fl-Artikolu 61 tad-Direttiva 2007/64. B'mod partikolari, il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu 61 jipprevedi, fl-ewwel sentenza tiegħu, li min iħallas għandu jbati t-telf kollu kkawżat minn tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati jekk dan it-telf jirriżulta minn aġir frawdolenti min-naħa tiegħu jew mill-fatt li min iħallas ma jkunx issodisfa, intenzjonalment jew minħabba negliġenza gravi, wieħed jew iktar mill-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56 ta' din id-direttiva.

64 Kif diġà ġie rrilevat fil-punt 42 ta' din is-sentenza, fost l-obbligi imposti fuq min iħallas skont dan l-Artikolu 56 hemm, fil-paragrafu 1(b) tal-imsemmi artikolu, l-obbligu, għal min iħallas, li jinforma mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu jew lill-entità indikata minn dan il-fornitur meta jsir jaf bit-telf, bis-serq, bil-miżapproprjazzjoni jew bi kwalunkwe użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' ħlas tiegħu.

65 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) u mal-Artikolu 60(1) tagħha, jirriżulta li min iħallas ma huwiex obbligat ibati t-telf ikkawżat mit-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati li jirriżultaw mill-użu tal-istrument ta' ħlas tiegħu ħlief meta jaġixxi b'mod frawdolenti jew meta jkun dam, b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza gravi, sabiex jinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tiegħu jew lill-entità indikata minn dan il-fornitur bit-telf, bis-serq, bil-miżapproprjazzjoni jew bi kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' dan l-istrument. Għaldaqstant, huwa biss f'tali każijiet li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jinħeles mill-obbligu tiegħu li jirrimborsah l-ammont tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati.

66 Din l-interpretazzjoni hija, fit-tieni lok, ikkorroborata mill-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 56(1)(b), tal-Artikolu 58, tal-Artikolu 60(1) u tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64.

67 Fil-fatt, minn naħa, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 44 ta' din is-sentenza, jista' jiġri li l-obbligu ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 56(1)(b) tad-Direttiva 2007/64 u l-obbligu ta' senjalazzjoni previst fl-Artikolu 58 tagħha jitnisslu fl-istess ħin. Għaldaqstant, kif irrilevat ukoll l-Avukata Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tagħha, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni koerenti ta' din id-direttiva, l-osservanza tal-obbligu ta' senjalazzjoni previst f'dan l-Artikolu 58 għandha, fiċ-ċirkustanzi msemmija f'dan l-Artikolu 56(1)(b), u ħlief fil-każ ta' aġir frawdolenti min-naħa ta' min iħallas, tiġi evalwata fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 61(2) tal-imsemmija direttiva.

68 Min-naħa l-oħra, konformement mal-Artikolu 57(1)(d) tad-Direttiva 2007/64, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas li joħroġ strument ta' ħlas għandu l-obbligu li jipprekludi kull użu ta' dan l-istrument wara senjalazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 56(1)(b) ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, l-Artikolu 61(4) tagħha jipprevedi li, ħlief fil-każ ta' aġir frawdolenti min-naħa tiegħu, min iħallas ma għandu jbati ebda konsegwenza finanzjarja li tirriżulta mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżapproprjat, liema użu jkun seħħ wara s-senjalazzjoni prevista f'dan l-Artikolu 56(1)(b). Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, min iħallas ma għandux interess li jdewwem

is-senjalazzjoni li huwa obbligat jagħmel skont din l-aħħar dispożizzjoni u lanqas, jekk ikun il-każ, is-senjalazzjoni li għandu jwettaq skont l-Artikolu 58 tal-imsemmija direttiva jekk dawn iż-żewġ obbligi jitnisslu fl-istess ħin.

69 Fit-tielet lok, fuq il-livell teleoloġiku, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-interpretazzjoni indikata fil-punt 65 ta' din is-sentenza hija ta' natura li tħares l-effett utli tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64. Għal dan l-għan, għandu jiġi evitat li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ikun jista' jinvoka kontra min iħallas dewmien sempliċi fis-senjalazzjoni tal-konstatazzjoni ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata sabiex jaħrab mill-obbligu ta' rimbors tiegħu taħt l-Artikolu 60(1) ta' din id-direttiva, meta din it-tranżazzjoni tirriżulta mit-telf, mis-serq, mill-miżapproprjazzjoni jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' strument ta' ħlas u meta min iħallas ikun sar jaf b'dan it-telf, b'dan is-serq, b'din il-miżapproprjazzjoni jew b'dan l-użu mhux awtorizzat biss fil-mument li fih ikun ikkonstata din it-tranżazzjoni. Fil-fatt, li kieku l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas kellu tali possibbiltà, din l-ewwel sentenza titlef kull effett utli tagħha peress li min iħallas ikun imċaħħad mid-dritt għar-rimbors tiegħu minkejja li t-telf li jkun ġarrab ma jirriżultax mill-fatt li huwa, intenzjonalment jew minħabba negliġenza gravi, naqas milli jinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu jew lill-entità indikata minn dan il-fornitur skont l-Artikolu 56(1)(b) tad-Direttiva 2007/64.

70 Min-naħa l-oħra, din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-għan imfittex mid-Direttiva 2007/64, kif imfisser fil-premessa 32 tagħha, li huwa li, sabiex jingħata inċentiv lill-utent ta' servizzi ta' ħlas sabiex jissenjala, mingħajr dewmien, lill-fornitur tiegħu s-serq jew it-telf ta' strument ta' ħlas u sabiex b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati, l-utent għandu jkun responsabbli biss għal ammont limitat, ħlief jekk l-utent ikun aġixxa bi frodi jew b'negliġenza gravi. Fil-fatt, din il-premessa tirrifletti l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiffavorixxi, meta jkun hemm inkwistjoni s-serq jew it-telf ta' strument ta' ħlas, protezzjoni ikbar għall-utent ta' servizzi ta' ħlas. Għalhekk, l-imsemmija interpretazzjoni ma tippreġudikax il-bilanċ bejn l-interessi ta' min iħallas u dawk tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu, kif ġew ibbilanċjati minn dan il-leġiżlatur.

71 Għaldaqstant, mill-Artikolu 58, mill-Artikolu 60(1) u mill-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, ikkunsidrati flimkien u moqrija flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) tagħha, jirriżulta li, meta tkun inkwistjoni tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata li, minn naħa, tirriżulta mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżapproprjat jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' tali strument u, min-naħa l-oħra, kienet ġiet issenjalata minn min iħallas lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu, min iħallas, bħala prinċipju u ħlief fil-każ ta' aġir frawdolenti min-naħa tiegħu, għandu jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jikseb ir-rimbors ta' din it-tranżazzjoni biss jekk ikun dam sabiex jissenjala t-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza gravi.

72 Hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti, li għandha tiddetermina jekk dan huwiex il-każ għal kull waħda mit-tranżazzjonijiet ta' ġbid inkwistjoni fil-kawża prinċipali peress li dan l-Artikolu 58 jipprevedi espressament is-senjalazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali.

73 F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-elementi esposti mill-qorti tar-rinviju, spjegati fil-qosor fil-punti 22 sa 26 ta' din is-sentenza, għandu jingħad ukoll li, minn naħa, skont l-Artikolu 59(2) tad-Direttiva 2007/64, meta utent ta' servizzi ta' ħlas jiċħad li jkun awtorizza transazzjoni ta' ħlas li tkun ġiet eżegwita, l-użu ta' strument tal-ħlas, kif irreġistrat mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, ma

huwiex neċessarjament biżżejjed, bħala tali, sabiex jiġi stabbilit li t-tranżazzjoni ta' ħlas kienet awtorizzata minn min iħallas jew li dan tal-aħħar aġixxa b'mod frawdolenti jew naqas milli jissodisfa, intenzjonalment jew minħabba negliġenza gravi, wieħed jew iktar mill-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56 ta' din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, il-premessa 33 tagħha tippreċiża b'mod partikolari li, sabiex tiġi evalwata l-eventwalità ta' negliġenza min-naħa tal-utent ta' servizzi ta' ħlas, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha u li l-provi u l-grad ta' negliġenza allegata għandhom jiġu evalwati konformement mad-dritt nazzjonali.

74 Madankollu, fost il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, hemm "traskuraġni serja" min-naħa ta' min iħallas, jiġifieri, kif irrilevat ukoll l-Avukata Ġenerali fil-punt 65 tal-konklużjonijiet tagħha, ksur serju ta' obbligu ta' diliġenza. Barra minn hekk, kif ġie kkonstatat fil-punt 39 ta' din is-sentenza, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li fihom jinsab min iħallas. Għalhekk, ħlief fil-każ ta' aġir frawdolenti min-naħa ta' dan tal-aħħar u bla ħsara għall-eventwali applikazzjoni tal-Artikolu 51(1) tad-Direttiva 2007/64, huwa ma jistax jiġi kkritikat li ma ssenjalax "immedjatament" lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata li tirriżulta mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżappoprjat jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' tali strument.

75 Barra minn hekk, l-Artikolu 61 tad-Direttiva 2007/64 jinkludi preċiżazzjonijiet dwar il-portata tat-telf li għandu, jekk ikun il-każ, jiġi effettivament sostnut minn min iħallas, b'mod partikolari fiċ-ċirkustanzi indikati fil-punt 71 ta' din is-sentenza.

76 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 58, l-Artikolu 60(1) u l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta jkun hemm tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata li tirriżulta mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżappoprjat, jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' tali strument, u meta din it-tranżazzjoni tkun ġiet issenjalata minn min iħallas lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu, min iħallas, bħala prinċipju u ħlief fil-każ ta' aġir frawdolenti min-naħa tiegħu, ma għandux jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jikseb il-korrezzjoni effettiva tal-imsemmija tranżazzjoni sakemm ma jkunx dam sabiex jissenjalaha lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza gravi li tikkonsisti fi ksur serju ta' obbligu ta' diliġenza.

### *Fuq it-tielet domanda*

77 Il-qorti tar-rinviju tagħmel it-tielet domanda tagħha fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li min iħallas għandu jiġi mċaħħad mid-dritt li jikseb il-korrezzjoni ta' tranżazzjoni meta jkun dam sabiex jissenjala lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, anki jekk ikun issenjalahielu fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu.

78 Għalkemm din l-ewwel domanda, essenzjalment, ingħatat risposta fl-affermattiv, din ir-risposta hija madankollu, kif jirriżulta mill-punti 52 sa 55 ta' din is-sentenza, ikkundizzjonata minn diversi elementi, u b'mod partikolari, kif jirriżulta mill-analiżi tat-tieni domanda, mill-fatt li, ħlief fil-każ ta' aġir frawdolenti min-naħa ta' min iħallas, meta t-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata tirriżulta mit-telf, mis-serq, mill-miżappoprjazzjoni jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' ħlas tiegħu, jekk min iħallas ikun informa lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu dwar tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu

tat-tranżazzjoni ta' ħlas, huwa ma jkunx jista' jitqies li dam sabiex jinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li kkonstata din it-transazzjoni sakemm id-dewmien tiegħu ma jkunx intenzjonat jew ikun ir-riżultat ta' negliġenza gravi.

79 Barra minn hekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa u tikklassifika l-fatti inkwistjoni quddiemha fid-dawl, b'mod partikolari, tal-preċiżazzjonijiet esposti fil-punti 73 u 74 ta' din is-sentenza.

80 Għaldaqstant, din it-tielet domanda għandha tiġi rriformulata sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni r-risposta mogħtija għall-ewwel u għat-tieni domanda.

81 Għalhekk, għandu jitqies li, permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 58, l-Artikolu 60(1) u l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) tagħha, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta, minn naħa, ikun hemm tranżazzjonijiet ta' pagament mhux awtorizzati suċċessivi, li jirriżultaw mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżappoprjat jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' tali strument, u meta, min-naħa l-oħra, min iħallas, filwaqt li jkun osserva t-terminu ta' tlettax-il xahar mid-dati tad-debitu tagħhom, dam parzjalment sabiex jissenjalahom lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza gravi, min iħallas għandu jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu għar-rimbors tat-telf kollu kkawżat minn dawn it-tranżazzjonijiet.

82 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2007/64, ir-responsabbiltà għat-telf imġarrab minħabba tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati taqa', bħala prinċipju, fuq il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas. Madankollu, skont l-Artikolu 61(2) tagħha, li t-termini tiegħu huma diġà mfakkra fil-punt 63 ta' din is-sentenza, min iħallas għandu jbati t-telf "kollu" kkawżat minn tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati jekk dan it-telf "jkun ġarrabhom", b'mod partikolari, minħabba li ma ssodisfax, intenzjonalment jew minħabba negliġenza gravi, l-obbligu ta' senjalazzjoni impost fuqu skont l-Artikolu 56(1)(b) ta' din id-direttiva u, f'dan il-każ, l-ammont massimu ta' EUR 150, imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, ma japplikax.

83 Il-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu 61(2) tistabbilixxi għalhekk rabta kawżali bejn, minn naħa, l-aġir ta' min iħallas u, min-naħa l-oħra, it-telf imġarrab li ma jkunx jista' jikseb il-korrezzjoni tiegħu.

84 Barra minn hekk, mir-risposta mogħtija għat-tieni domanda preliminari jirriżulta li l-kwistjoni ta' jekk is-senjalazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 f'ċirkustanzi bħal dawk imsemmija fl-imsemmi Artikolu 61(2), moqri flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) tagħha, għandhiex titqies bħala li saret effettivament tard, għandha tiġi evalwata b'mod distint għal kull tranżazzjoni.

85 Minn dan jirriżulta li, anki fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati mwettqa b'mod repetut fiż-żmien, li jirriżultaw kollha mill-istess telf, mill-istess serq jew mill-istess miżappoprjazzjoni tal-istrument ta' ħlas inkwistjoni, min iħallas jista' jiġi mċaħħad mid-dritt biss li jikseb il-korrezzjoni tat-tranżazzjonijiet biss li huwa jkun intenzjonalment jew b'negliġenza gravi dam sabiex jissenjala lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu.

86 Din l-interpretazzjoni letterali hija kkorroborata mhux biss mill-fatt li l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64 huwa dispożizzjoni li tidderoga mill-prinċipju stabbilit mill-Artikolu 60(1) tagħha u li għalhekk għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta, iżda wkoll mill-kuntest tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 81 ta' din is-sentenza.

87 Fil-fatt, konformement mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu 61, ħlief fil-każ ta' aġir frawdolenti min-naħa tiegħu, min iħallas ma għandu jbati ebda konsegwenza finanzjarja li tirriżulta mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżappoprjat, u li sseħħ wara s-senjalazzjoni prevista fl-Artikolu 56(1)(b) ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, konformement mal-paragrafu 5 tal-imsemmi Artikolu 61, jekk il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ma jipprovdix mezzi xierqa li jippermettu li titwettaq, f'kull mument, is-senjalazzjoni tat-telf, tas-serq jew tal-miżappoprjazzjoni ta' strument ta' ħlas, konformement mal-Artikolu 57(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva, min iħallas ma jistax ikun meħtieġ ibati, sakemm ma jkunx hemm aġir frawdolenti min-naħa tiegħu, il-konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw mill-użu ta' dan l-istrument ta' ħlas. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jikkonfermaw li min iħallas ma jistax jinżamm responsabbli għat-telf li ma setax jevita.

88 L-imsemmija interpretazzjoni letterali hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2007/64. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rekwiżit ta' rabta kawżali bejn l-aġir ta' min iħallas u t-telf li huwa ġarrab u li ma jkunx jista' jikseb ir-rimbors tiegħu min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu huwa konformi mal-ibbilanċjar tal-interessi rispettivi tal-utenti ta' servizzi ta' ħlas u tal-forniturі ta' servizzi ta' ħlas, kif imwettaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'din id-direttiva. Fil-fatt, dan ir-rekwiżit, billi jqiegħed responsabbiltà fuq l-utent ta' servizzi ta' ħlas, iħeġġeġ lil dan tal-aħħar, konformement mal-premessi 31 u 32 tal-imsemmija direttiva, sabiex ma jdumx indebitament sabiex jissenjala, lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu, it-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati li huwa jkun ikkonstata. Bl-istess mod, permezz ta' dan ir-rekwiżit, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas huwa mħeġġeġ josserva l-obbligi tiegħu sabiex dan l-utent ikun f'pożizzjoni li jikkonstata tali tranżazzjonijiet.

89 Barra minn hekk, l-imsemmi rekwiżit jippermetti li jiġi ggarantit l-effett utli kemm tal-Artikolu 51(1) tad-Direttiva 2007/64 kif ukoll tal-Artikolu 61(3) tagħha. Fil-fatt, minn naħa, dan ir-rekwiżit iħalli l-possibbiltà għall-partijiet, meta l-utent ta' servizzi ta' ħlas ma jkunx konsumatur, li, b'mod partikolari, jiddeċiedu li l-Artikolu 61 ta' din id-direttiva ma japplikawx jew jaqblu dwar terminu differenti minn dak previst fl-Artikolu 58 tagħha u għalhekk li jipprevedu tqassim ta' responsabbiltà differenti u li joffri, jekk ikun il-każ, inqas protezzjoni għall-utenti ta' servizzi ta' ħlas li ma jkunux konsumaturi. Min-naħa l-oħra, dan ir-rekwiżit iżomm il-possibbiltà, li l-Artikolu 61(3) tal-imsemmija direttiva joffri lill-Istati Membri, li jagħżlu li jillimitaw ir-responsabbiltà ta' min iħallas imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu 61 meta dan ma jkunx aġixxa b'mod frawdolenti u lanqas ma jkun naqas intenzjonalment milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56 tal-istess direttiva, b'mod partikolari, kif tindika l-premessa 34 tagħha, sabiex jinżammu l-livelli eżistenti ta' protezzjoni tal-konsumaturi u sabiex tiġi promossa l-fiduċja fl-użu sigur tal-istrumenti ta' ħlas elettroniku.

90 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 58, l-Artikolu 60(1) u l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta, minn naħa, ikun hemm tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati suċċessivi, li jirriżultaw mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżappoprjat jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' tali strument, u meta, min-naħa l-oħra, min iħallas, filwaqt li josserva t-terminu ta' tlettax-il xahar mid-dati tad-debitu tagħhom, ikun parzjalment dam sabiex jissenjalahom lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas

tiegħu b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza gravi, min iħallas, bħala prinċipju, għandu jiġi mċaħħad biss mid-dritt li jikseb ir-rimbors tat-telf biss li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet li huwa dam intenzjonalment jew b'negliġenza gravi sabiex jissenjala lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu.

## Fuq l-ispejjeż

91 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE,**

   **għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

   **l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu, bħala prinċipju, jiġi mċaħħad mid-dritt li jikseb il-korrezzjoni ta' tranżazzjoni jekk ma jkunx issenjala mingħajr dewmien lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu li huwa kkonstata tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, anki jekk ikun issenjalahielu fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu.**

2) **L-Artikolu 58, l-Artikolu 60(1) u l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) tagħha,**

   **għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

   **meta jkun hemm tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata li tirriżulta mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżapproprjat jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' tali strument, u meta din it-tranżazzjoni tkun ġiet issenjalata minn min iħallas lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu fi żmien tlettax-il xahar mid-data tad-debitu, min iħallas, bħala prinċipju u ħlief fil-każ ta' aġir frawdolenti min-naħa tiegħu, ma għandux jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jikseb il-korrezzjoni effettiva tal-imsemmija tranżazzjoni sakemm ma jkunx dam sabiex jissenjalaha lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza gravi li tikkonsisti fi ksur serju ta' obbligu ta' diliġenza.**

3) **L-Artikolu 58, l-Artikolu 60(1) u l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 56(1)(b) tagħha,**

   **għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

   **meta, minn naħa, ikun hemm tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati suċċessivi, li jirriżultaw mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżapproprjat jew minn kwalunkwe użu mhux awtorizzat ta' tali strument, u meta, min-naħa l-oħra, min iħallas, filwaqt li josserva t-terminu ta' tlettax-il xahar mid-dati tad-debitu tagħhom,**

**ikun parzjalment dam sabiex jissenjalahom lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza gravi, min iħallas, bħala prinċipju, għandu jiġi mċaħħad biss mid-dritt li jikseb ir-rimbors tat-telf biss li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet li huwa dam intenzjonalment jew b'negliġenza gravi sabiex jissenjala lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu.**

Firem